CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

L- Erbgħa, 15 ta' Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Camille Scerri- Kunsilliera
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

49.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmienja u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.3.1 Is- Sindku ressaq mozzjoni ta' ringrazzjament lill- Kunsilliera Jane Attard li rrizenjat mill-Kunsill. Huwa radd ħajr għax-xogħol siewi tagħha. Il-Kunsill approva din il-mozzjoni unanimament u talbu lis- SE biex tingħatala tifkira bħala ringrazzjament.

49.3.2 Is- Sindku nfurma li għal-aħħar ta' April id- Direttorat tar-Restorazzjoni ser joħroġ tender għat-tkomplija tar-*railings* in-naħa tat-Tomba.

49.3.3 Is- Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill japprova li tintbgħat ittra uffiċċjali ta' ilment lill-Onorevoli Stefan Buontempo rigward in-numru taz-zwiemel li qed jokkupaw it-tinda taz-zwiemel barra l-Mdina fejn qed jaqbzu l-ammont stabbilit ta' tnax il- karozzin. Din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa tippersisti għaliex ser naslu fi stat li din it-tinda tkun saret għalxejn għax nispiċċaw biz-zwiemel irewmu barra u jkunu ta' nkonvenjent għar-residenti u turisti li jiffrekwentaw l-Mdina.

49.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Antridoco ġewwa l-Italia ġie approvat mill-Ministeru ta' L-Affarijiet Barranin u għalhekk nistgħu nipproċedu u nibbukkjaw il-*flights* mis- 16 sal-19 ta' Ġunju 2017.

**F' dan il-ħin (16.05hrs) daħal il-Kunsillier Alfred Barbaro Sant**

49.3.6 Is- Sindku talab lill-Kunsill li għandha ssir ħarġa għal anzjani fix- xahar ta' Mejju fejn il-Kunsill ddeċieda li din il-ħarġa ssir nhar it- 13 ta' Mejju 2017 u ser immorru l-ESPLORA il-Bighi, Kalkara.

**49.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

49.4.1 Is- Sindku talab lis- SE biex ikellem lil kenniesa biex jagħmlu xogħol aħjar ta' tindif

49.5.2 Il-Kunsillier Alfred Barbaro Sant talab li hemm xi bollards tad-dawl fi Ġnien Howard li huma mkissra jew bozza mitfija. Is- SE ser jara li dawn jiġu rranġati.

48.5.3 Il-Viċi Sindku talab li hemm bzonn isir xi ħaga fuq il-kontrol ta' ammont ta' karozzini li jarmaw taħt it-tinda għaliex it-tabella li turi tnax (12) il-karozzin biss, tidher li mhux qed tiġi rispettata u qed ikun hemm izjed minn tnax il-kuċċiera.

.

**49.5 Ilmenti u *items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

**Applikazzjoni PA 00983/17- *To propose sunshades, tables and chairs Pjazza Mesquita***

49.5.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ġiet sottomessa applikazzjoni ma' L-Awtorita ta' L-Ippjanar għal *sunshades, tables and chairs* fi Pjazza Mesquita fejn huwa stqarr li jekk joħroġ dan il-permess ser jinħoloq preċedent u ta' inkwiet serju fejn l-Imdina ser tispiċċa mimlija mwejjed u siġġijiet.

Huwa jemmen li bħala Kunsill għandna noġġezzjonaw formalment ma' l-Awtorita għaliex apparti li rċevejna diversi ilment mir-residenti ta' dawk l-inħawi, il- proposta mhi xejn ghajr 'piecemeal development' li se toħnoq spazju pubbliku u ta' sinifikat storiku, arkitettoniku, u ta' importanza soċjali.

49.5.2 Il-Kunsill approva unanimament u talab lis- SE biex jikteb formalment lill-Perit Robert Musumeci biex jibgħat l-oġġezjoni formali f'isem il-Kunsill.

49.5.3 Is- Sindku ressaq mozzjoni biex ikun hemm l-awtorizzazjoni tal-Kunsill skond l-ordni 32 (1) ta' l-Ordnijiet Permanenti biex jinġabru tlett kwotazzjonijiet f' dak li jirrigwarda l-Imdina Medieval għar-raġuni ma baqax zmien biex tinħareġ offerta pubblika għal trasport tal- parteċipanti fil-festival, ikel għal- parteċipanti u akkomodazzjoni.

49.5.3.1 Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni.

49.5.4 Is- Sur Carmel Borg li joqgħod il-Wilga tal-Ħemsija L/o Rabat talab lill-Kunsill li ssir applikazzjoni ma' l-Enemalta biex issir lampa ġdida ma' l-arblu ħdejn il-propjeta tiegħu peress li hemm ħafna dlam. Il- Kunsill approva.

**49.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

49.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-15 ta' Marzu 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,921.95

49.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsill

unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**49.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

49.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 12 ta' April 2017 fit-3pm

____IFFIRMATA_______
Peter Sant Manduca
Sindku

_____IFFIRMATA_______
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 12-04-2017_______